MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 249/2012

**Go plc**
**C 22334**

**Vs**

**Kelly Axisa**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta' Marzu, 2012 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta ghandha tigi kkunddannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija, erbgha u erbghin ewro u tmienja u tletin centezmu (€844.38) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 33 *A/C 40140619* u li jinkludi telefon 21807140, servizz ta' televizjoni 1425092372 u servizz ta' ADSL liema servizz gew

ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 12 ta' Novembru, 2009.

Illi nterpellata diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, u filfatt dehret ghas-seduta tal-10 ta' Ottubru, 2012 fejn xehdet u informa lit-Tribunal illi hija lesta thallas l-ammont kollu dovut pero permezz ta' pagamenti b'rata mensili. Din it-talba ma gietx opposta mill-avukat difensur tas-socjeta' attrici.

Illi t-Tribunal wara li sema l-ammissjoni tal-konvenut u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Jiddecidi l-kaz billi, jilqa t-talba tas-socjeta' attrici u dan peress illi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u erbgha u erbghin ewro u tmienja u tletin centezmu (€844.38). Il-pagament ghandu jsir b'pagamenti mensili bir-rata ta' hamsin ewro (€50) liema somma ghandha tithallas kull l-ewwel tax-xahar. Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-ewwel pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------